**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs.**

**Bashir Abdulahi Ahmed**

Numru 657/2016

Illum 14 ta' Dicembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Bashir Abdulahi Ahmed**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Aadan u Ashkiro, imwieled Somalia nhar l-1 ta' Jannar 1993, residenti gewwa Marsa Open Centre, Xatt il-Mollijiet, Marsa, detentur tal-Karta tal-Identita Maltija bin-Numru 111809A

akkuzat talli nhar il-25 ta' Dicembru 2016, ghall-habta tas-02:00hrs fi Triq San Gorg San Giljan:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema

droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. ikkommetta offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tas-Surgent 1163 Frans Schembri, kif iccertifikat minn Dr. Adrian Fenech Reg No. 3685;

4. ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew setgha jaghmel;

5. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar l-1 ta' Settembru 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. G. Vella LL.D. nhar il-5 ta' Jannar 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "JC 2" – *a fol.* 10) datat 25 ta' Dicembru 2016 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 72 u 73) datata 26 ta' Settembru 2017 fejn:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

  u

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

  - fl-Artikolu 8 (a) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

  - fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

  - fl-Artikoli 214, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-27 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 74), il-Qorti hadet a konjizzjoni tan-Nota tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 72 u 73) hawn fuq imsemmija.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 76), id-difiza hadet a konjizzjoni tan-Nota tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 72 u 73) hawn fuq imsemmija, f'liema seduta gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota msemmija u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fost l-ohrajn, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 89 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2017, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017, xehed **Dr. André Fenech** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Dicembru Francis Schembri kien pprezenta ruhu ghall-habta tat-2.40am peress li qal li kien wegga' waqt il-hin tax-xoghol u kien qed jugghu is-subgha msejjah tac-curkett f'idu x-xellugija. Jghid li ttiehed *X-Ray* fejn instab li kellu ksur f'wied mill-ghadam. Ezebixxa c-certifikat mhejji minnu li gie mmarkat bhala Dok. "AF 1" (*a fol.* 15) fejn qal li l-griehi sofferti minn Schembri kienu ta' natura gravi. Jghid li wara dakinhar ma regghax ra lil Schembri. Mistoqsi jghid kemm iddum biex tfieq il-ferita sofferta minn Schembri, wiegeb li huwa m'huwiex specjalist rigward l-ghadam u b'hekk ma setghax jaghti risposta ezatta.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li fic-certifikat rilaxxat minnu kiteb il-kliem *"with deformity"* peress li s-subgha kien daqxejn mghawweg minhabba l-ksur. Jghid li qabel dakinhar lil Schembri qatt ma ezaminah. Mistoqsi jghid jekk il-ksur u d-diformita' jfiequx biz-zmien, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jghid jekk ghandhomx natura permanenti, wiegeb li mhux kapaci jaghti twegiba ghal din id-domanda.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017, xehed ukoll **PS 1163 Frans Schembri** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn spjega li fl-24 ta' Dicembru 2016 kien *night watch duty* f'Paceville flimkien ma' l-iSpettur Gabriel Micallef u xi membri ohra tad-*Drug Squad*. Jghid li saru diversi spezzjonijiet u li ghal ghall-habta tas-2.00am tal-gurnata tal-Milied kien qed jaghmel *patrol* flimkien mal-iSpettur Gabriel Micallef fi Triq San Gorg li tibda fejn hemm il-parkegg, fejn kien hemm l-AXIS, l-isfel lejn il-bahar. Jghid li hekk kif kienu telghin bil-mod il-fuq u hekk kif waslu qisu fejn il-parkegg imsemmi, gew innutati zewg persuni, wiehed ta' gilda skura u iehor bajdani. Jghid li gew innutati jitkellmu u ra lil dak tal-gilda skura, li gie identifikat bhala l-imputat, jaghmel sinjal lil dak ta' gilda bajdanija biex jistenna fejn vettura. Jghid li f'dak il-hin l-imputat resaq bejn il-vettura u bejn bieb ta' post abbandunat u kien qed ifittex jew jipprova jgib xi haga

minn hemm. Jghid li l-iSpettur Gabriel Micallef mar mal-ewwel fuqu, gibdu u ghaddieh lilu (lil PS 1163) u hu (PS 1163) hadu mal-hajt ta' faccata u ordnalu biex jitfa' jdejh mal-hajt u jiftah saqajh, b'wiccu jhares lejn il-hajt. Jghid li baqa' jzomm lill-imputat b'idu x-xellugija fuq id ix-xellugija tal-imputat u f'dan il-hin l-iSpettur Micallef beda jaghmel tfittxija fuq il-persuna l-ohra, li rrizultat fin-negattiv u b'hekk il-persuna l-ohra giet rilaxxata. Jghid li hekk kif l-iSpettur Micallef kien riesaq lejh (lejn PS 1163) biex issir tfittxija fuq l-imputat, l-imputat ta s-salt, f'liema mument hass wega' f'idu x-xellugija, f'liema hin ma tax kaz peress li l-imputat irnexxielu jahrab u gera madwar ghaxar metri, u hu (PS 1163) gera' warajh u rnexxielu jaqbdu. Jghid li l-imputat kompla jirrezisti fejn f'hin minnhom hu (l-imputat) waqa' mal-art u l-iSpettur Gabriel Micallef mar fuqu u mmannetjah b'idejh wara. Jghid li meta hares lejn idejh sab li subghajh, specifikament ir-*ring finger* ta' idu x-xellugija, kien mghawweg ihares lejn is-subgha l-iehor. Jixhed li nforma lill-iSpettur Micallef li kien wegga', cempel ghall-assistenza, mar l-iSptar Mater Dei u gie ezaminat minn Dr. André Fenech li kkonfermalu li kellu subghajh miksur.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li sa dakinhar filghodu ta' meta xehed gie ezaminat minn tabib fejn qallu li kien qed ifieq bil-mod. Ghad-domanda jekk giex infurmat li l-affarijiet kienu ser imorru lura ghan-normal, wiegeb: *"Issa ma nafx x'ser jigri l'quddiem"* (*a fol.* 17). Jghid li kellu jmur ghal vizta ohra fl-24 ta' Jannar 2017.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 82 *et seq.*), jghid li hu flimkien mal-iSpettur Gabriel Micallef nnuttaw lill-imputat jaghmel kuntatt ma' persuna ohra fis-sens li l-imputat immarka b'idejh lill-persuna l-ohra biex jistenna, l-imputat resaq lejn bieb ta' dar abbandunata biex jigbor xi haga li kienet mohbija u fittex xi haga minn dak il-bieb. Jghid: *"Ahna morna fuqu mal-ewwel fejn mill-istess post li kien qed jipprova jigbor xi haga kien hemm bicciet kannella suspettata raza tal-cannabis"* (*a fol.* 82). Jghid li kien dak il-hin li z-zewg persuni kienu arrestati. Jikkonferma li fuq l-imputat ma nstab xejn. Mistoqsi jghid jekk ir-raza li semma, baqghetx f'din id-dar abbandunata jew jekk l-imputat kienx hada hu f'idejh, wiegeb: *"Ma niftakarx ezatt ghax jien kont qieghed mat-tieni*

*suspect u l-iSpettur resaq hemmhekk"* (*a fol.* 83). Ikkonferma li huma raw lill-imputat jersaq lejn il-bieb fejn qed jinghad li kien hemm ir-raza. Ghad-domanda: *"U tista' tispjegali ghaliex ma hallejtuhx jigbor ir-raza qabel ma arrestajtuh?"* (*a fol.* 83), wiegeb: *"Ma nistax nispjegahielek sew jien, ghax qed nghidlek jien kont mat-tieni persuna dak il-hin"* (*a fol.* 83). Jghid li t-tieni persuna kienet qed tistenna lill-imputat madwar ghaxar passi l-boghod minnu. Jghid li ra lill-imputat jitbaxxa pero jghid li ma rax lill-imputat jigbor ir-raza. Mistoqsi jghid min ha d-decizjoni li l-imputat jigi arrestat qabel ma l-imputat gabar ir-raza, wiegeb: *"Ghax rajna l-moviment li jista' jkun li ha jmur igib xi droga ghax hemmhekk normali li jahbu fil-hajt kemm il-darba jigifieri kull nhar ta' Sibt insibu d-droga mohbija fil-hajt hemm"* (*a fol.* 84). Ikkonferma li nstabet ir-raza mal-art. Jghid li hu ma jafx min pogga din ir-raza mal-art. Ikkonferma li lanqas fuq il-persuna l-ohra li kien ftit passi l-boghod mill-imputat ma nstabet ir-raza.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017, xehdet ukoll l-i**Spettur Justine Grech** (*a fol.* 18 *et seq.*) fejn qalet li f'lejlet il-Milied kienet xoghol flimkien ma' ufficjali ohra tad-*Drug Squad* u fis-sieghat bekrin ta' filghodu tal-Milied giet infurmata mill-iSpettur Gabriel Micallef li kienu twaqqfu zewg persuni peress li kienu rawhom jikkomunikaw bejniethom, fejn wiehed kien ser jghaddi d-droga lill-iehor u waqt li kienu qed jarrestaw lil din il-persuna, cioé lill-imputat, PS 1163 F. Schembri weggha subajgh u aktarx kien kisru. Tghid li l-imputat ittiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u ttiehed ukoll l-iSptar Mater Dei peress li beda jallega li kellu ugiegh f'dahru. Tixhed li sakemm l-imputat ittiehed l-iSptar, huwa raqad, imbaghad qajmuh, gie ezaminat u gie rilaxxat mill-iSptar. Jghid li ttiehdet stqarrija tal-imputat fejn qal li huwa ma kienx jaf x'gara. Tghid li l-imputat ftakar li kellu xi jghid ma' grupp ta' xi persuni ohra pero tghid li qal li ma jiftakarx ghala kienu ggieldu. Tghid li l-imputat kien xorob. Ezebiet sustanza suspettata *cannabis resin*, li giet immarkata bhala Dok. "JG 1". Tghid li l-imputat qal li din ma jafx x'kienet u li hu ma kien jaf xejn dwarha. Tghid li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk kienx jaf li kien irrezista lill-Pulizija, huwa stqarr li ma kienx jaf. Tghid li meta l-imputat gie mistoqsi ghala kien harab lill-Pulizija, huwa qalilha li ma jiftakarx. Tixhed li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk huwa jabbuzax minn xi

droga, hu stqarr li hu ma jpejjipx pero jixrob biss. Tghid li l-imputat qal li huwa qatt ma kien biegh droga. Ezebiet is-segwenti: stqarrija tal-imputat mehuda b'*audio visual* fejn is-CD gie mmarkata bhala Dok. "JG 2" (*a fol.* 20), sentenza moghtija fil-5 ta' Jannar 2015 li giet immarkata bhala Dok. "JG 3" (*a fol.* 21 *et seq.*) u sentenza ohra moghtija fl-1 ta' Settembru 2014 li giet immarkata bhala Dok. "JG 4" (*a fol.* 24 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017 (*a fol.* 78 *et seq.*), tghid li hija ma tistax tirrispondi rigward dak li gara f'Paceville peress li ma kinitx prezenti. Tghid li kellmet lill-imputat waqt l-interrogazzjoni b'dak li kienet infurmata bih. Mistoqsija tghid min sab id-droga li ssir riferenza ghaliha fir-rapport tax-Xjenzat Sinagra, wiegbet li din instabet mill-Pulizija li kienu fuq il-post, cioé minn PS 1163 u l-iSpettur Gabriel Micallef.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2017, xehed l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 30) fejn ikkonferma li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur tas-sentenza mmarkata bhala Dok. "JG 4" (*a fol.* 24 *et seq.*). Identifika lill-imputat bhala l-persuna kontra min inghatat is-sentenza msemmija.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2017, xehed ukoll l-i**Spettur Gabriel Micallef** (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn spjega li fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Dicembru 2016 kienu qed jaghmlu diversi spezzjonijiet gewwa Paceville. Jghid li ghall-habta tas-2.00am, hu flimkien ma' PS 1163 Frans Schembri nizlu fi Triq San Gorg (in-naha ta' fejn kien l-AXIS) fejn imferxin mat-triq kien hemm madwar ghoxrin/hamsa u ghoxrin persuna ta' karnaggjon skur. Jghid li beda jgerrex lil dawn in-nies peress li dak il-post huwa maghruf mal-Pulizija ghat-traffikar ta' droga minn dawn in-nies. Jghid li hu u tiela' lura t-triq, it-triq kienet ikklerjata. Jixhed li minn faccata tieghu ra persuna ta' karnaggjon skur nizel l-isfel *ossia* l-imputat u li warajh (wara dan il-persuna) kien hemm persuna ohra li kienet tidher barranija pero' ma kienx ta' karnaggjon skur u l-imputat beda jaghmel sinjal lil dan il-persuna biex jimxi warajh. Jispjega li hu (Spettur Micallef) waqaf f'nofs ta' triq biex jara x'kien ser jaghmel: jghid li ra lill-imputat idur ma' vettura, tbaxxa ma' ghatba ta' bieb ta' residenza

abbandunata u minn hemmhekk rah jigbor xi haga. Jghid li f'dan il-hin mar fuq l-imputat, identifika ruhu bhala Pulizija u l-imputat rema' xi haga mal-art. Jghid li wara li ghadda lill-imputat lil PS 1163, gabar dak li kien intrema' mal-art l-imputat u zamm lill-persuna l-ohra li kienet mixja wara l-imputat. Jghid li dan il-persuna ma' kellu xejn fuqu u b'hekk gie rilaxxat. Jghid li minn mal-art hu (Spettur Micallef) gabar tlett bicciet ta' sustanza kannella li gie suspettat li hija rezina tal-*cannabis*. Jghid li baqa' sejjer lejn PS 1163 li kien jinsab madwar tlett metri 'l boghod minnu, fejn kien qed izomm lill-imputat mal-hajt b'idejh miftuhin. Jghid li hekk kif avvicinah, PS 1163 informa lill-imputat li kienet ser issir tfittxija fuqu f'liema hin l-imputat ta s-salt, xejjer idejh, hareg mill-kustodja tas-surgent u telaq jigri. Jghid li PS 1163 qabad jigri warajh, u hu (l-iSpettur Micallef) gera warajh ukoll. Jispjega li dak il-hin PS 1163 hataf lill-imputat mill-gakketta, l-imputat waqa' mal-art, hu (l-iSpettur Micallef) zammu mal-art u mmanettja lill-imputat. Jghid li dak il-hin PS 1163 kien qallu li kien kiser subajgh f'liema hin, hu (l-iSpettur Micallef) seta' jara li PS 1163 kellu s-subgha tac-curkett la genbha. Jghid li PS 1163 intbaghat ghall-assistenza medika. Jghid li s-sustanza giet mghoddija lill-iSpettur Justine Grech.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2017, xehed ix-Xjenzat **Profs. Manwel Sinagra** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport redatt minnu liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "ES 1" (*a fol.* 37 *et seq.*). F'dan ir-rapport, Profs. Sinagra wasal ghas-segwenti konkluzjoni: *"Illi fuq estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 038_17_01 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol (THC)</u>. Il-piz totali tas-sustanza kien ta' <u>1.34 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka 6%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta"* (*a fol.* 41).

In <u>kontro-ezami</u>, meta gie mistoqsi jghid il-valur fis-suq tad-droga li semma u jekk jistghax jaghti xi indikazzjoni, wiegeb: *"ma nistax naghti skuzani"* (*a fol.* 36). Jghid li t-*Tetrahydrocannabinol* hija s-sustanza li normalment hija analizzata mill-haxixa tal-*cannabis*. Mistoqsi jghid kemm il-*joint* tista' tohrog minnha, wiegeb li ma ghandux esperjenza fuq hekk. Jghid: *"Billi hija raza rezin, m'hijiex*

*ser tkun, ghax ma tinharaqx wahedha jigifieri trid taghmilha f'xi sigarett jew xi haga hekk biex tinharaq. […M]'iniex f'pozizzjoni li nghid kemm trid biex taghmel joint wahda"* (*a fol.* 36a).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2017, xehed **Omar Isak Ahmed** (*a fol.* 56) fejn informa lill-Qorti li kien espleta l-inkarigu moghti lilu. Huwa ghamel traduzzjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat mil-lingwa Somala ghal dik Ingliza, liema traduzzjoni giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "OIA 1" (*a fol.* 57 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2017, xehed l-imputat **Bashir Abdulahi Ahmed** minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn meta gie mistoqsi jghid jekk hux minnu li fil-lejl in kwistjoni huwa kienx gabar xi droga mit-triq, huwa wiegeb: *"Dan mhux vera. Kont xurban dak il-hin u ma sabuli xejn fil-but"* (*a fol.* 89). Jghid li dakinhar huwa kien qed jixrob ma' zewgt ihbieb go bar f'San Giljan imbaghad hareg fit-triq u marru l-Pulizija u arrestawh. Jghid li ma jafx ghala arrestawh peress li ma sabulu xejn fil-but tieghu. Jghid li kien xorob hafna u ma kienx jaf x'kien qed jigri. Jixhed: *"Dak il-hin ma kontx qed nifhem, ma kontx konxju, meta haduni l-Pulizija l-Furjana sirt naf u l-Pulizija qaluli li sabuni fil-pussess tad-droga"* (*a fol.* 90). Jahseb li d-droga giet misjuba fit-triq u li qalulu li kienet tieghu. Mistoqsi jghid jekk jafx kif wegga' s-Surgent u ghala, wiegeb: *"Le ma naf xejn fuq dan"* (*a fol.* 90). Jghid li ilu Malta mis-sena 2013. Semma ghala kien ittiehed il-Qorti fuq kaz iehor. Mistoqsi jghid jekk xorobx dakinhar li gie arrestat mill-Pulizija, wiegeb li wahdu xorob zewg flixken Vodka. Mistoqsi jghid kemm kien jixrob is-Somalja, wiegeb: *"Xejn"* (*a fol.* 91). Jghid li Malta kien imur jixrob darba fil-gimgha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa ma jiftakar xejn peress li meta gie arrestat kien xurban. Jghid: *"Jien ma nuzax id-droga, jien nixrob biss, kont xurban u ghalhekk cert li ma kelli xejn fil-but"* (*a fol.* 91). Jghid li hu ma kellu l-ebda droga u jichad li rama xi haga. Mistoqsi jghid ghala ladarba ma kellu xejn illecitu, huwa rrezista l-arrest u harab, wiegeb: *"Jien ma kontx naf li huma Pulizija ghax ma kienux imlibbsin l-uniformi u jien kont xrobt hafna"* (*a fol.* 92). Jghid li nduna li kienu Pulizija meta kien il-*lock up* fil-Floriana. Mitlub jikkonferma li

huwa tant kien jaf li identifikaw ruhhom bhala Pulizija tant li dak il-hin huwa ta s-salt u rrezista l-arrest u t-tfittxija, wiegeb: *"Ma nafx fuq dan"* (*a fol.* 92). Jghid: *"Ma kontx naf x'inhu jigri, ma kontx konxju dak il-hin"* (*a fol.* 92). Ikkonferma li huwa kien ittella' l-Qorti drabi ohra u gew moghtija sentenzi ohra mill-Qorti fil-konfront tieghu kemm ilu hawn Malta pero' qal li spicca s-sentenza tieghu. Mitlub jinnegax li hebb ghal Pulizija, wiegeb: *"Ma nistax nghidlek iggilidt jew ma ggilidtx maghhom ghax ma kontx konxju dak il-hin"* (*a fol.* 92).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat fil-25 ta' Dicembru 2016,[1] l-imputat qal li kien ilu jghix Malta ghal erba' snin. Meta l-imputat gie mistoqsi fir-rigward ta' meta gie arrestat f'Paceville xi sieghat qabel jghid li huwa ma jiftakar xejn. Jiftakar biss li kien Paceville. Jghid li ma jafx x'gara pero jiftakar li kellu xi jghid ma' xi hadd mis-Somalja. Jiftakar li kien xorob xi birra. Mistoqsi dwar dak li gie elevat minn fuq il-post mill-Pulizija, jghid li ma jafx. Jghid li huwa ma jbieghx droga u li qatt ma biegh droga. Jghid li dak elevat mill-Pulizija ma kienx tieghu. Mistoqsi jghid jekk qattx ha *cannabis*, wiegeb fin-negattiv u qal li jiehu biss sigaretti u birra. Mistoqsi ghala rrezista lill-Pulizija, jirrizulta li wiegeb: *"I don't know. Am not aware of anything"* (*a fol.* 61). Meta mistoqsi jghid ghala harab jigri mill-Pulizija meta ma kien hemm xejn hazin, wiegeb: *"Am not able to run. I didn't run"* (*a fol.* 61). Aktar tard jghid: *"If I could run, the police officers could not find me"* (*a fol.* 61). Jghid ukoll: *"If [I] am drunk, everyone could know [I] am drunk"* (*a fol.* 61). Jghid li huwa qatt ma ta drogi lil xi hadd iehor.

**Ikkunsidrat**

Illi l-atti processwali jaghmlu riferenza ghas-sieghat bekrin tal-Milied tas-sena 2016 fejn l-imputat gie arrestat mill-Pulizija fuq suspett dwar reati relatati ma' droga. In segwitu ta' dan, l-imputat gie eventwalment imressaq il-Qorti u gie akkuzat b'diversi imputazzjonijiet, fosthom dik ta' pussess aggravat ta' droga u bl-

[1] *Vide* Dok. "JG 2" (*a fol.* 20) u Dok. "OIA 1" (*a fol.* 57 *et seq.*).

aggravju tal-mitt metru, b'rezistenza bi vjolenza, li kkaguna offiza ta' natura gravi fuq PS 1163 F. Schembri u li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. L-imputat gie akkuzat ukoll li kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija u li huwa recidiv.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat)</u>:**
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' droga. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni

tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza

minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi minkejja dak li nghad hawn fuq u minkejja dak li gie konkluz mix-Xjenzat Manwel Sinagra fir-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "ES 1" (*a fol.* 37 *et seq.*), **il-Qorti trid l-ewwel tara jekk effettivament jezistix dak in-ness rikjest bejn dak li gie elevat mill-Pulizija u li gie ezebiet f'dawn il-proceduri u l-imputat**.

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Minkejja li PS 1163 Frans Schembri xehed li l-imputat u l-persuna l-ohra gew innutati jitkellmu u minkejja li ra lill-imputat jaghmel sinjal lill-persuna l-ohra biex jistenna fejn vettura u minkejja li l-imputat resaq bejn il-vettura u bejn bieb ta' post abbanudant u rah ifittex jew jipprova jgib xi haga minn hemm, PS 1163 Frans Schembri xehed li huwa ma rax lill-imputat jigbor ir-raza! Huwa xehed li ma jafx min pogga r-raza elevata mal-art.

- Da parte taghha, l-iSpettur Justine Grech xehdet biss fir-rigward ta' dak li gie mistqarr mill-imputat meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu. Hija ghamlet riferenza ghal dak li nghad lilha fir-rigward tal-arrest tal-imputat pero dan jammonta ghal *detto del detto*. In fatti, waqt il-kontro-ezami taghha, l-iSpettur Grech tixhed li hija kellmet lill-imputat waqt l-interrogazzjoni b'dak li kienet infurmata bih.

- It-tfittxija li saret fuq il-persuna *per se* tal-imputat u tal-persuna l-ohra rrizultat fin-negattiv.

- Fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat jghid li huwa qatt ma ha *cannabis* pero jghid li jiehu biss sigaretti u birra. Huwa qal ukoll

li qatt ma ta drogi lil xi hadd iehor. Fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat qal l-istess haga.

- L-iSpettur Gabriel Micallef jixhed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 1163 Frans Schembri u dana meta jixhdu fir-rigward ta' dak li raw jaghmel lill-imputat lill-persuna l-ohra u fir-rigward tal-fatt li ra lill-imputat idur ma' vettura u jitbaxxa ma' ghatba ta' bieb ta' residenza abbandunata. Kien **<u>BISS</u>** l-iSpettur Micallef li xehed li huwa ra lill-imputat jigbor xi haga minn hemmhekk u li ra lill-imputat jarmi xi haga mal-art. L-iSpettur Micallef xehed ukoll li gabar dak li kien intrema' l-imputat mal-art u cioé tlett bicciet ta' sustanza kannella li gie suspettat li hija rezina tal-*cannabis*.

Illi l-Qorti tinnota nuqqas tal-Prosekuzzjoni u tistaqsi: ghala kienet l-iSpettur Justine Grech li ezebiet is-sustanza *cannabis resin* li giet elevata u li eventwalment giet ittestjata mix-Xjenzat Manwel Sinagra? Kien ikun ferm ahjar kieku kien l-iSpettur Gabriel Micallef li ezebixxa din id-droga u identifikaha bhala s-sustanza li huwa kien gabar minn mal-art ladarba kien gabarha hu stess u kien prezenti fuq il-post meta ra dak li kien qed jaghmel l-imputat u ladarba l-iSpettur Justine Grech ma kinitx prezenti f'dak il-hin! Fid-depozizzjoni tal-iSpettur Gabriel Micallef, huwa fl-ebda hin ma jaghmel riferenza ghal *evidence bag* numru *per se* li gie ezebiet mill-iSpettur Justine Grech u kieku sar dan kien ikun aktar facli li jigi ppruvat in-ness bejn dak li ra l-iSpettur Gabriel Micallef, dak li gie elevat minnu, dak li gie prezentat il-Qorti u dak li gie ttestjat mill-Profs. Sinagra. Il-Qorti ma ghandhiex il-konvinciment rikjest mil-ligi li dak li gie ttestjat mill-Profs. Sinagra u dak li gie ezebiet mill-iSpettur Justine Grech huwa l-istess haga li gie elevat mill-iSpettur Gabriel Micallef fil-lejl in kwistjoni.

Illi minkejja li tul is-smiegh tal-proceduri odjerni nstema' li t-triq fejn gie arrestat l-imputat hija triq fejn soltu tigi traffikata droga u minkejja li nstema' li mhux l-ewwel darba li nstabet droga fil-hitan, pero b'mod konkret dan ma jfisser xejn!

Illi, in segwitu ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti tista' biss tispekula dwar dak li gie mismugh u pprezentat, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu 96 ghandu wkoll bhala vittma, bhal Artikolu 95, l-ufficjal pubbliku pero jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. *In oltre* l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi huwa necessarju illi ghalkemm il-persuna in kwistjoni mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna

li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz is-segwenti:

> "Dana l-artikolu [b'riferenza ghall-Artikolu 96] jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"".

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn PS 1163 Frans Schembri, li l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita minnha u dana minkejja li l-imputat jghid li ma jafx x'gara u jghid li kien xurban, li hekk kif PS 1163 Frans Schembri kien qed izomm lill-imputat u l-iSpettur Gabriel Micallef kien riesaq lejh biex jaghmel tfittxija fuq l-imputat, l-imputat ta s-salt, harab u wara li PS 1163 gera warajh irnexxielu jaqbad lill-imputat f'liema hin l-imputat kompla jirrezisti fejn f'hin minnhom l-imputat waqa' mal-art u eventwalment gie mmannetjat.

Illi dak li nghad minn PS 1163 Frans Schembri jirrizulta konfortat minn dak li xehed l-iSpettur Gabriel Micallef fid-depozizzjoni tieghu fejn jinghad li hekk kif hu avvicina lil PS 1163 Schembri u PS 1163 Schembri nforma lill-imputat li kienet ser issir tfittxija fuqu, l-imputat ta s-salt, xejjer idejh, harab mill-kustodja ta' PS 1163 Schembri u telaq jigri u li ftit wara PS 1163 irnexxielu jaqbad lill-imputat.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li t-tlitt (3) elementi essenzjali ghal kostituzzjoni tar-reat ikkontemplat taht Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti. Ghaldaqstant ghandha tinstab htija fl-imputat ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' PS 1163 Frans Schembri)</u>:**
Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Schembri, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-Gudikant tal-fatt (fil-kaz

> ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-Gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-Gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, apparti x-xiehda moghtija minn PS 1163 Frans Schembri fejn xehed rigward il-griehi sofferti minnu, il-Qorti evalwat ukoll ix-xiehda moghtija minn Dr. André Fenech u c-certifikat mediku (Dok. "AF 1" – *a fol.* 15) rilaxxat minnu. Il-Qorti tinnota li PS 1163 Frans Schembri sofra ksur f'subajgh tant li Dr. André Fenech ikklassifika tali griehi bhala gravi.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li nghad minn Dr. André Fenech waqt il-kontro-ezami tieghu, il-Qorti jirrizultalha li l-griehi sofferti minn PS 1163 Frans Schembri, *ossia* l-ksur f'subajgh, gew kagunati tort tal-imputat (u dana minkejja li l-imputat jghid li ma jafx x'kien gara u minkejja li jghid li kien xurban). Minkejja dan, il-Qorti ma jirrizultalha bl-ebda mod li tali gerha kienet ta' natura gravi *per durata* pero' ladarba kien hemm ksur, il-Qorti, filwaqt li tinnota li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha, tinnota wkoll li l-htija ser tinsab *ai termini* ta' Artikolu 216 (1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Nuqqas ta' Obbidjenza ta' l-Ordnijiet Legittimi):</u>**
Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li xehdu PS 1163 Frans Schembri u l-iSpettur Gabriel Micallef, il-Qorti jirrizultalha li m'ghandux ikollha dubju li l-imputazzjoni in ezami giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>:**
Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni hija aggravju u ghandha tigi kkunsidrata biss f'kaz li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. Ladarba l-ewwel (1) imputazzjoni ma gietx hekk ippruvata, ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn taghmel l-ebda kunsiderazzjoni fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni *stante* li jsegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mill-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ikkommetta Reat Waqt Perjodu Operattiv Ta' Sentenza Sospiza)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. L-imputazzjoni in kwistjoni taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Demicoli fl-1 ta' Settembru 2016. Filwaqt li l-Qorti tinnota li vera kopja ta' din is-sentenza tinsab ezebita fl-atti processwali tant li giet immarkata bhala Dok. "JG 4" (*a fol.* 24 *et seq.*), il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali jikkontjenu wkoll vera kopja ta' sentenza ohra moghtija fil-5 ta' Jannar 2015 mill-Magistrat Dr. G. Vella (Dok. "JG 3" – *a fol.* 21 *et seq.*) (li *del resto* issir riferenza ghaliha wkoll fis-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat), f'liema sentenza appena msemmija l-imputat (li jirrizulta li huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna *stante* li l-konnotati huma simili) l-imputat kien gie akkuzat, fost ohrajn, li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza mposta fuqu fl-1 ta' Settembru 2014 moghtija mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli tant li, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Jannar 2015, il-Qorti gabet fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija li kienet sospiza bis-sentenza tal-1 ta' Settembru 2014.

Ghaldaqstant, isegwi li l-imputat ma jista' bl-ebda mod jigi misjub hati tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiv)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li rrenda ruhu recidiv bis-sentenza moghtija fil-5 ta' Jannar 2015 hawn fuq imsemmija. Filwaqt li l-Qorti tinnota, ghal darba ohra, li vera kopja ta' din is-sentenza tinsab ezebita fl-atti processwali u li tinsab immarkata bhala Dok. "JG 3" (*a fol.* 21 *et seq.*), il-Qorti tinnota wkoll li l-imputat fil-kawza odjerna huwa l-istess imputat fil-kawza msemmija. Tenut kont ta' dak li jipprovdu Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li s-seba' (7) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li l-ewwel (1), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghhom, l-imputazzjonijiet li gew pruvati u li taghhom l-imputat ser jinstab hati huma s-segwenti: it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), u s-seba' (7) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati (u dana b'mod specjali t-tieni (2), it-tielet (3) u s-seba' (7) imputazzjoni), u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "JC" – *a fol.* 8) tal-imputat minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrejgh mal-ligi drabi ohra. Tenut kont tal-fatt li jirrizulta l-imputat irrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (u dana apparti li huwa recidiv ukoll *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu msemmi) u mehud in konsiderazzjoni li l-imputat ikkawza offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS 1163 Frans Schembri waqt il-qadi ta' dmirijietu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat, fost l-ohrajn, ghall-piena ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ukoll ghall-hlas ta' multa *stante* li huwa ser jinstab hati, fost l-ohrajn, ta' Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom,

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 26 ta' Settembru 2017 u senjatament Artikoli 49, 50, 96(a), 214, 216(1)(d), u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Bashir Abdulahi Ahmed hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sittax (16)-il xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' erbat'elef Euro (€4000.00).

Fir-rigward tat-talba *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti tichad tali talba *stante* li l-imputat ma nstabx hati tal-ewwel (1) imputazzjoni adebitata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

*Ai termini* ta' Artikolu 534AD tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti staqsiet lid-difiza jekk tridx li tinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li l-imputat jifhem, ossia fil-lingwa Somala, izda d-difiza ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghal tali dritt peress illi hija

sodisfatta bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza fil-hin li nqrat fil-Qorti bil-miftuh.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**